DIPARTIMENT TAL-INFORMAZZJONI
*DEPARTMENT OF INFORMATION*
MALTA

# Press Release

**PR192489** **19.11.2019**

**STQARRIJA MILL-UFFIĊĊJU TAL-ISPEAKER**

***Il-Membru Malti tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri jippreżenta żewġt rapporti lill-Ispeaker tal-Kamra tad-Deputati***

Kmieni wara nofsinhar, l-Ispeaker tal-Kamra tad-Deputati Anġlu Farrugia rċieva żjara ta' kortesija mis-Sur Leo Brincat, Membru Malti tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri.

Is-Sur Leo Brincat ippreżenta kopja tar-Rapport Annwali tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri, kif ukoll rapport ieħor li jġib it-titlu 'A Special Report on Migration Management and Hot Spots', liema rakkomandazzjonijiet f'dan ir-rapport ġew aċċettati mill-Kummissjoni Ewropea.

L-Ispeaker faħħar il-ħidma tas-Sur Brincat fi ħdan il-Qorti Ewropea tal-Awdituri filwaqt li infurmah li r-rapport kien se jitqiegħed fuq il-mejda tal-Kamra fis-seduta ta' llum.

**Attachments: photos** 

3, CASTILLE PLACE, VALLETTA VLT 2000 Tel +(356) 2200 1700

**press.releases@gov.mt www.doi.gov.mt**